# Il-Għargħur u madwaru

Ir-raħal tal-Għargħur hu wieħed mill-ogħla f'Malta u jinsab fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Meta fl-1598 ma baqax jagħmel parti iżjed mill-Matriċi tan-Naxxar kien hemm diġà mas-700 ruħ. Tajjeb li wieħed jgħid ukoll illi fl-1419 il-membri tal-Milizzja kienu madwar 43 persuna, fl-1420 kien hemm 44 u fl-1480, 51. Fl-1646 żdiedu 'l fuq minn 1,300 persuna oħra.

Iżda l-popolazzjoni mhux dejjem kienet l-istess. Dan għaliex kif naraw f'diversi postijiet oħra li kienu qrib il-baħar bħal ma hu dan ir-raħal, dawn bdew jiġu attakkati mill-furbani li kienu jinżlu l-art u joqtlu, jisirqu u jagħmlu massakru minn dak kollu li jiġi taħt idejhom. Hekk per eżempju, il-Mellieħa fiż-żjara tad-Delegat Appostoliku Mons. Pietro Dusina, kellha tieqaf mill-ħidma tagħha minħabba l-fatt illi ma kienx għad hemm ħafna nies joqogħdu hemm. Dan seħħ fl-1575.

Il-Għargħur kien iffurmat minn diversi rħula oħra li minħabba dawn l-attakki, dawn jew spiċċaw jew inkella ma kienx hemm ammonti sostanzjali ta' nies li joqogħdu fihom. Fl-1760, il-popolazzjoni naqset għal 795 ruħ. Mal-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta, jiġifieri fl-1800, in-numru ta' nies reġa' beda jiżdied. Fl-1851 kien hemm 1,116-il ruħ; fl-1865 kien hemm 1,200 persuna u fil-bidu ta' dan is-seklu l-għadd ta' nies tela' għal 1,327 ruħ. Fiċ-ċensiment ta' l-1985 ingħad li fil-Għargħur hemm 2,321 resident.

Kif diġà għedna iżjed qabel, dawn in-nies kienu joqogħdu f'diversi nħawi tal-Għargħur li jiena se nikteb xi ħaġa fuqhom.

Ir-raħal tal-Għargħur ġie msejjaħ bħala Casal Gregorii fl-1575 minn Mons. Pietro Dusina. Hekk ukoll hu miktub fl-ewwel magħmudija reġistrata minn Dun Matteo Xriha fit-8 ta' Jannar 1599 fir-reġistri tal-Parroċċa. L-ewwel persuna mgħammda kien bin Ottobrinu u Grazia bl-isem ta' Duminku.

Hu maħsub ukoll illi dan ir-raħal seta' ħa ismu minn kappella żgħira dedikata lil San Girgor il-Kbir. Din il-kappella kienet fil-limiti ta' il-Ferħa, fuq ix-xaqliba l-oħra tar-raħal fejn illum hemm l-Isptar tal-Lebbrużi, u ftit 'il bogħod min-naħa l-oħra ta' l-istess raħal jiġifieri dik tax-Xwieki.

Fil-Viżita Pastorali ta' Mons. Ġlormu Mikiel Molina fl-1678 insibu li dan l-Isqof kiteb hekk fuq din il-kappella: "Il-Knisja ta' San Girgor ġiet ipprofanata u l-obbligi tagħha huma marbuta ma' biċċa art mikrija lil ċertu Giovanni Luqa Bezzina minn Birkirkara, li qegħdha fl-istess post fejn hemm il-knisja profanata fil-limiti ta' Ħal Għargħur. Dawn l-obbligi jfissru li għandha ssir quddiesa letta fil-festa ta' San Girgor u li jitħallsu sitt tari biex jinxtegħel il-lampier quddiem is-Sagrament."

Xi kittieba jgħidu li "Għargħur" ġej minn siġra magħrufa fil-botanika bħala "Junipers Phoeniciea L".

Dawn kollha huma xi raġunijiet li jġibu l-istoriċi u l-istudjużi dwar l-isem ta' dan ir-raħal.

Kien hemm ukoll inħawi magħrufa bħala r-Raħal Samudi (Sammut). Bejn l-1419 u l-1420, il-Għargħur insibuh imniżżel bħala "Casal Gregori" u miegħu nsibu lil "Casal Samudi", il-Madliena li wkoll kienet meqjusa bħala raħal skond dokument tas-7 ta' April 1439 fejn tissejjaħ bħala "Casalis Samudi vocata di Santa Maria Madalena".

Dan x'aktarx kien jinstab fejn illum hemm il-Madliena, u llum hu magħruf bħala Bjar Sammut. Jiena naħseb illi l-Madliena seta' ħa ismu minn kappella dedikata lil Santa Marija Maddalena. Din ġiet imtella' minflok oħra antika li twaqqgħet mill-Ingliżi. Dan seħħ fl-1880. X'aktarx allura illi fejn illum hemm dan ir-raħal, inbniet mill-Ingliżi l-Fortizza tal-Madalena fl-1880 fi żmien il-Gvernatur Borton u swiet madwar $10,000.

Kien hemm ukoll diversi akkwati fil-Għargħur fejn kienu magħrufa bħala "Ħerba". Dawn baqgħu magħrufa hekk għaliex jista' jkun li dawn saru ħerba waħda wara diversi snin. F'Birkirkara wkoll kien hemm lok imsejjaħ Ta' "Ħerba" u dan seħħ minħabba li l-post kien mitluq u abbandunat. Hawnhekk ittella' s-Santwarju dedikat lill-Madonna. Fil-Għargħur insibu dawn li ġejjin:

i. Il-Ħerba ta' Mnajdar, 1534: għalqa żgħira

ikompli paġna 39

# ...il-Għargħur u madwaru

minn paġna 37

fir-raħal.

ii. Ħirbit il-Forn, 1467, 1503 1540: għalqa.

iii. Il-Ħrejba, 1542: għalqa fl-akkwata ta' Sammut, x'aktarx qrib l-istess raħal, iżda tissejjaħ ukoll bħala Tal-Ħlas fejn hemmħekk kien hemm il-Ħerba Tal-Ħlas.

iv. Il-Ħrejba, 1539: Ħerba żgħira, għalqa żgħira.

Meta kont qiegħed infittex ftit fuq l-istorja ta' kappella li tinsab fil-Pwales, San Martin, u li bħalissa qiegħda tintuża mill-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Maltin bħala Dar għat-Talb, fil-Viżiti Pastorali ta' l-Isqfijiet sibt illi fil-Għargħur kien hemm inħawi msejħa bħala ta' Cauchla/Ċawla ta' Dalli/Dellis. Fil-Viżita Pastorali ta' Mons. Davide Cocco Palmeri, 1685-87 jgħid hekk: "*Adest onus celebrandi unam messam lectam singulis diebus festivis de praecepto ex fructibus duarum clausuram terrae positarum in Contrata Casalis Gargur appellatae ta' Cachuela et alterius ta' Dalli...*". Mons. Ġlormu Mikiel Molina fl-1680 u l-Isqof Fra Pawlu Alferan de Bussan fl-1744 wkoll jagħmlu aċċenn għal dan. Dan ta' l-aħħar jgħid hekk: "*... et missa lecta in omnibus diebus festivis per annum sunt abnoxia duae clausurae terrae una appellata ta' Cauchla in quodam Cas. Gargur, sive St. Maria ta' Żellieqa, et altera ta' Dalli per acta notarii Petri Attard die XII Maii 1666...*". Jiġifieri li fil-kappella kienet issir xi festa bl-Ewwel Għasar u quddiesa letta f'jum il-festa ta' San Martin u quddiesa letta fil-jiem kollha festivi matul is-sena. Għal dawn kien hemm imħollija r-renta ta' żewġ għelieqi raba', waħda msejħa Ta' Cauchla (taċ-Ċawla?) f'Ħal Għargħur (Gargur) jew Ta' Santa Marija Taż-Żellieqa u oħra Ta' Dalli kif hemm fl-atti notarili tan-Nutar Pietru Attard tat-XII ta' Mejju 1666.

Kif jidher mill-istess Viżiti, l-inħawi Ta' Cauchla (Ċawla) jinsabu fejn il-kappella ta' Santa Marija Ta' Żellieqa. Din qiegħda fin-naħa tal-wied li jinsab bejn il-Għargħur u l-Madliena tħares lejn il-Lvant. Din inbniet qabel l-1575 u twaqqgħet fl-1650 biex ittellgħet dik preżenti. Fiha hemm il-kwadru ta' Santa Marija li hu xogħol ta' Rokku Buhagiar. Naħseb li jgħidulha Ta' Żellieqa għaliex qiegħda fin-niżla. Illum l-inħawi Ta' Cauchla hu mifhum li jinstabu quddiem Busietta Gardens.

Rigward Ta' Dellis (Dalli) ma nafx jekk din għandhiex taqsam ma' l-inħawi Ta' l-Għallis, 'l hemm minn Baħar iċ-Ċagħaq. Minn Dokument tal-Viżita Appostolika (1575) insibu li fil-knisja ta' San Bartilmew kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' dan il-qaddis fil-ġurnata liturġika bil-quddiesa u għasar. Kien hemm ċertu Ġakbu minn Ħal Lija li kellu d-dmir li jieħu ħsieb li ssir din il-festa u għal dan il-għan kellu xi għelieqi fl-inħawi Ta' l-Għallis. F'dan il-lokal hemm ukoll torri li nbena fi żmien il-Gran Mastru De Redin fl-1657.

Post ieħor huwa dak Ta' Bennarda fejn illum hemm il-kappella ta' Santa Marija. Din il-knisja saret minflok dik li kien hemm qabel. Hu magħruf illi din il-kappella, li reġa' bniha mill-ġdid Damjan Cauchi fl-1588, kellha mogħtija legat minn Bernarda Cauchi fl-1571. Għalhekk baqgħet magħrufa bħala Ta' Bernarda.

Fl-inħawi "Tal-Bajjada" u "Tal-Paspur", li jinsabu ħdejn il-kappella ċkejkna li hemm viċin il-knisja ta' San Ġwann Evanġelista, fit-13 ta' April 1959 bdew ix-xogħlijiet fuq Dar Porzjunkola. Din id-dar hi lok fejn isiru bosta rtiri u qiegħda f'ħdejn il-Patrijiet Franġiskani Minuri. L-istess Patrijiet għandhom kappella dedikata lil Santa Marija ta' l-Anġli fl-Art imsejħa "Tal-Għul".

L-Għar ta' San Brinkat hu post ieħor magħruf fil-Għargħur. Hawnhekk insibu bosta għerien. Min dawn l-għerien, fi tnejn minnhom hemm kurċifiss u żewġ statwi, waħda ta' San Pietru u l-oħra ta' San Pankraz. Ma' dan l-għar hemm marbuta diversi leġġendi. Ħafna huma tal-fehma li l-"Għur" ta' Għargħur hi korruzzjoni tal-kelma "mingħul" jiġifieri "spirtu ħażin" u dan kif diġà għidt hu marbut ma' dan l-għar.

Dawn kienu xi nħawi fil-Għargħur li tajna xi tagħrif dwarhom. J'Alla r-raħal tal-Għargħur ikompli jikber, jissebbaħ fl-istorja u jitqaddes fil-protezzjoni tiegħu li jagħtih San Bartilmew Appostlu.

**Bro. Andre' Azzopardi**